MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## SAVIOUR DEMICOLI

Seduta tal-15 ta' Settembru, 2004

Numru 327/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Stephen J. Gatt)**

**vs**

**CHARLOT MONTEBELLO**

**Illum 15 ta' Settembru, 2004**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Charlot Montebello ta' 27 sena iben Carmelo u Jane Calleja, imwieled Pieta` fil-8.2.1977 u joqghod Redeemer, Triq Francis X. Ebejer, Swieqi. I.D. 1642277M gie akkuzat:

Talli fil-24.8.2001 ghal habta tal-5.30 p.m., gewwa Triq it-Torri, Sliema, waqt li kien qed isuq mutur Kawasaki li igib numru tar-registrazzjoni SHA 750 b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna l-mewt ta' Margherita Xuereb mill-Msida.

Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi saq l-istess mutur b'manjiera perikoluza u traskurata.

Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi saq l-istess mutur b'sewqan aktar milli jmissu.

Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi saq l-istess mutur minghajr ma kien kopert b'polza tas-sigurta` dwar ir-riskji tat-terzi persuni.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita skond il-Ligi, tordna s-sospensjoni ta' kull licenzja tas-sewqan ta' Charlot Montebello ghal dak il-perjodu taz-zmien li din l-Onor. Qorti jidhrilha xieraq.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. SG3 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tal-10 ta' Settembru, 2004 l-imputat ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta ta’ l-10 ta’ Settembru, 2004 l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikolu 225 tal-Kap. 9 kif vigenti fid-data tal-kommissjoni tar-reat, l-artikoli 15(1)(a) u 15(2) kif vigenti fid-data tal-kommissjoni tar-reat u t-Tieni Skeda tal-Kap. 65 u l-artikolu 3 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta kif vigenti fid-data tal-kommissjoni tar-reat.

Issib lill-imputat Charlot Montebello, fuq ammissjoni, hati ta’ l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi minn naha l-wahda l-gravita` ta’ l-akkuzi u minn naha l-ohra l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, il-fatt li l-Ufficjal Prosekutur iddikjara fil-Verbal tas-Seduta ta’ l-10 ta’ Settembru, 2004 li l-imputat ikkopera mal-Pulizija, il-fedina penali netta ta’ l-imputat u illi r-reati addebitati lill-imputat u ammessi mill-istess imputat gew kommessi fl-24 ta’ Awissu, 2001 u ghalhekk il-pieni applikabbli huma dawk vigenti fid-data tal-kommissjoni ta’ l-istess reati, wara li art l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Charlot Montebello ghall-piena komplessiva ta’ sentejn prigunerija u hames mitt liri Maltin (Lm500) multa u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ erba’ (4) snin millum l-imputat Charlot Montebello jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inoltre l-Qorti tiskwalifika lill-imputat Charlot Montebello milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Charlot Montebello l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28(A)(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------